



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0242 (NLE)

12503/22
ADD 1

AGRI 437
PROBA 35
WTO 166

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tal-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda, 2015
----------	---

ANNES

L-Unjoni għandha tappoġġa l-adeżjoni tal-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija mal-Ftehim, matul sessjoni futura tal-Kunsill tal-Membri, jew fil-qafas ta' proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill tal-Membri permezz ta' skambju ta' korrispondenza, dment li l-ishma ta' parteċipazzjoni tar-Renju tal-Arabja Sawdija jiġu kkalkulati skont il-formula speċifikata fl-Artikolu 11 tal-Ftehim. L-Unjoni ser tappoġġa kwalunkwe limitu ta' żmien għad-depożitu tal-istrument ta' adeżjoni li jippermetti lir-Renju tal-Arabja Sawdija jaderixxi mal-Ftehim malajr. Jekk id-depożitu tal-istrument jiġi jittardja, l-Unjoni, f'deċiżjonijiet sussegwenti li jridu jiġu adottati mill-Kunsill tal-Membri, tista' tappoġġa l-estensjoni tal-perjodu għad-depożitu tal-istrument.
